**Smajtni**

Kont imtaqqal u mkisser
U inti lili smajt,
Kont imwarrab u mġenneb
U għajnejk fuqi tfajt.

Għidli, x'inhi dil-ħajja?
Fabbrika tal-ugigħ,
Imġenna bl-egoiżmu
Nagħmluha nfern bla qiegħ.

Imbagħad tigi int umli
Li bagħtek il-Mulej,
Li tidħol fiż-żarbuna
Tal-imnikket. Għalfejn?

U tgħaddilu dil-kelma
B'hafna smigħ ta' widnejk,
U b'ħafna kompassjoni
U bil-ħarsa t'għajnejk.

Kuraġġ tagħtih ħa jimxi
Fit-triq is-salvaġġa,
U li min għadda minnha
Kif spiċċa mħaġġar.

Il-bniedem kemm se jiflaħ
Min jifhmu għandu bżonn,
Din hi l-fidi ta' Kristu
Mhux li tagħti bil-ponn.

Li żgur ma jwasslu mkien,
Għajr li jferu l-qalb tajba
Jqattgħuha bħall-ġurdien.

Mulej, f'idejk din hajti
Ferhan li hdimt w stinkajt,
X'ħin trid ħudni għandek
Int lili dejjem smajt.

Bik Alla wrieni wiċċu
U bil-wisq sabbarni,
Ħajr kemm għentni f'dil-mixja
Kont hemm w dejjem smajtni.

Patri Mario Attard OFM Cap
13 ta' Marzu 2025

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu.